II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1655

tas-6 ta' Novembru 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/1890.

(2) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri, l-entrati fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890 jenħtieġ li tiġi aġġornata u emendata.

(3) L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 3.

ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890, l-entrati 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	Mehmet Ferruh AKALIN	Data tat-twelid: 9.12.1960 Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 13571379758 Nazzjonalità: Turkija Ġeneru: maskil	Mehmet Ferruh Akalın huwa Viċi President (Assistant General Manager) u membru tal-Bord tad-Direttur tat-Turkish Petroleum Corporation (TPAO). Huwa l-kap tad-Dipartimenti tat-TPAO għall-Esplorazzjoni, iċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Iżvilupp u t-Teknoloġiji tal-Informazzjoni. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President tat-TPAO u kap tad-Dipartiment għall-Esplorazzjoni tagħha, Mehmet Ferruh Akalın huwa responsabbli għall-ippjanar, id-direzzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-TPAO għall-esplorazzjoni għall-idrokarburi fil-baħar. Dawn jinkludu l-attivitajiet ta' tħaffir tat-TPAO li ma ġewx awtorizzati mir-Repubblika ta' Ċipru, kif jidher hawn taħt. Dawk l-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat twettqu minn: (a) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fil-baħar territorjali tar-Repubblika ta' Ċipru bejn Lulju u Settembru 2019; (b) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020; (c) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, kif ukoll fi ftehim mal-Iżrael, bejn Jannar u April 2020; (d) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn April u Settembru 2020; (e) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, qrib ħafna għall-baħar territorjali tagħha, bejn Novembru 2019 u Jannar 2020; (f) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fil-parti tal-punent taż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, bejn Mejju u Novembru 2019.	27.2.2020
2.	Ali Coscun NAMOGLU	Data tat-twelid: 27.11.1956 Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 11096919534 Nazzjonalità: Turkija Ġeneru: maskil	Ali Coscun Namoglu huwa l-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Esplorazzjoni tat-Turkish Petroleum Corporation (TPAO). F'din il-kapaċità, Ali Coscun Namoglu huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-TPAO għall-esplorazzjoni għall-idrokarburi fil-baħar. Dawn jinkludu l-attivitajiet ta' tħaffir tat-TPAO li ma ġewx awtorizzati mir-Repubblika ta' Ċipru, kif jidher hawn taħt.	27.2.2020"

			Dawk l-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat twettqu minn: (a) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fil-baħar territorjali tar-Repubblika ta' Ċipru bejn Lulju u Settembru 2019; (b) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020; (c) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, kif ukoll fi ftehim mal-Iżrael, bejn Jannar 2020 u April 2020; (d) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn April u Settembru 2020; (e) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, qrib ħafna għall-baħar territorjali tagħha, bejn Novembru 2019 u Jannar 2020; (f) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fil-parti tal-punent taż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, bejn Mejju u Novembru 2019.	